MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1478/2000/1

**Arthur Bongailas.**

**-vs-**

**George Vella.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-17 ta' Lulju 2000 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut jinsab inadempjenti versu l-attur fis-somma ta' dsatax il-elf u hames mitt lira Maltija (Lm19,500) rappresentanti self (mutwu) lilu moghti mill-attur.

Illi l-konvenut interpellat ihallas, baqa' nadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut jinsab inadempjenti fis-somma ta' dsatax-il elf u hames mitt lira Maltija (Lm19,500) rappresentanti self (mutwu) lilu moghti mill-attur; u

2. Tikkundana lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' dsatax-il elf u hames mitt lira Maltija (Lm19,500) lill-attur.

Bl-ispejjes, flimkien ma' dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 2306/00 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fis-6 ta' Dicembru 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjent ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dan id-dejn peress li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur u kwindi ma hux il-legittimu kontradittur. Kwindi ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent jaf illi s-somma mitluba hija effetta minn usura pesanti li ghandha tigi ridotta fi kwalunkwe kaz.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif tindika c-citazzjoni din hija kawza fejn l-attur qed jallega li silef lill-konvenut is-somma ta’ dsatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm19,500) u ghadu ma thallasx lura. Il-konvenut qed jeccepixxi li ma kellu ebta rabta guridika ma’ l-attur u f’kull kaz jekk kien hemm xi silef dan kien vizjat bl-uzura.

Jidher car mill-atti processwali illi kien hemm hafna komplikazzjonijiet li taw il-lok ghall kawza. Il-konvenut, a fol 21 u 22 tal-process esebixxa zewg skritturi. Fl-ewwel wahda l-attur silef lil certu Mario Hallett f’isem is-socjeta’ Hallett Construction Limited is-somma ta’ Lm26,000 u saret fit-13 ta’ Frar 1998. Fit-tieni wahda li saret fl-14 ta’ Lulju tal-istess sena, l-attur silef l-istess somma lill-konvenut u lill-Hallett li dehru ghan-nom tas-socjeta’ Innovative Company Limited. Permezz ta’ skrittura privata a fol 23 l-attur u Hallett geddew iz-zmien ghall-hlas tas-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf lira Maltin (Lm28,000) (!) sal-ahhar ta’ Marzu tas-sena 2000. Ma hemm ebda riferenza ghal-liema ftehim dan japplika.

Fit-18 ta’ Lulju tas-sena 2000 regghet saret skrittura – izda din id-darba permezz ta’ att pubbliku bejn l-attur u Hallett li issa deher kemm personalment u kemm ghan-nom tas-socjeta’ Hallett Construction (fol 24). Dan ikkostitwixxa ruhu debitur tal-attur ghas-somma ta’ tlieta u tletin elf lira Maltin (Lm33,000) *rapresentanti somma moghtija lilu b’ titolu ta’ self permezz ta’ diversi skritturi privata qabel illum.*

Fol 29 hemm esebit kopja ta’ bill payable ghas-somma ta’ dsatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm19,500) datat 4 ta’ Lulju 1998 li jidher li ssarraf minn George Vella fis-7 ta’ Lulju 1998.

L-attur xehed a fol 30 tal-process fejn fost affarijet ohra qal li l-iskritturi illi ghamel ma’ Hallett ma kellhom x’jaqsmu xejn ma’ l-ammont li qed jitlob f’din il-kawza. Qal ukoll illi ma ghamel ebda skrittura fir-rigward ghaliex kellu l-prova tal-hlas fl-istess dokument u cioe’ il-bank draft. Skond l-attur, l-iskrittura tat-18 ta’ Lulju 2000 kienet konsolidament ta’ Lulju tas-sena ta’ qabel (probabilment ried ifisser l-1998). Qal ukoll illi l-ammont sar tlieta u tletin elf (Lm33,000) ghax dak in nhar taha hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ohra lil Hallett u sa dak in nhar jahseb li l-konvenut kien hareg mill-kumpannija.

Mid-dokumenti esebiti a fol 40 *et sequitur* jidher li l-ammont inkluz fil-bank draft dahal fil-kont tal-konvenut fis-7 ta’ Lulju 1998. L-attur rega’ xehed fis-seduta tal-5 ta’ Frar 2002. Qal li c-cheque ghaddih lill-konvenut immedjatament wara li ggirah. L-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm26,000) li ghalih hemm riferenza fiz-zewg skritturi tat-13 ta’ Frar 1998 u 14 ta’ Lulju 1998 jirreferu ghall-istess kreditu, izda l-ammont ta’ dsatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm19,500) mitlub f’din il-kawza ma ghandu x’ jaqsam xejn maghhom. Is-sitta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm26,000) kien ghaddihom lill-Hallett fi flus kontanti.

Fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2002 xehed in-Nutar Patrick Critien, li qal li l-attur kien klijent regolari tieghu. Ikkonferma li fl-ewwel skrittura, dik ta’ Frar 1998, l-attur kien ghadda l-flus lil Hallett f’pakkett. Ikkonferma li dik ta’ Lulju 1998 assorbiet dik l-iskrittura. Qal li kien hu li ssugerixxa lill-attur biex isir kuntratt pubbliku f’Lulju 2000 peress li l-attur kien ghadu ma thallasx. Fil-fatt f’dak il-kuntratt inghataw garanziji ipotekarji. Kontro-ezaminat qal li meta sar l-att pubbliku kien gie informat li l-konvenut ma kienx ghadu involut fis-socjeta’ ma’ Hallett u ghalhekk ma kellux ghalfejn jidher fuq il-kuntratt.

Il-konvenut xehed fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2002. Qal illi fl-1998 kien shab ma’ Hallett fis-socjeta’ Hallett Construction Limited u kien direttur tal-istess socjeta. Qal li meta saret l-ewwel skrittura, ma

ghaddewx flus. Il-flus ghaddew permezz tal-bill payable ghall-ammont ta’ dsatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm19,500) li gia’ issemma’. Ic-cheque wasallu permezz ta’ Hallett li qallu li fl-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm26,000) imsemmija fl-iskrittura kien hemm inkluz l-imghax fuq is-somma ta’ dsatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm19,500). Jispjega l-fatt li c-cheque gie depositat f’ismu minhabba l-fatt illi l-kont tas-socjeta’ Hallett Construction Limited kien *overdrawn.* Jghid li d-dokumenti esebiti permezz tan-nota a fol 67 tal-process jispjegaw dan. Jichad li fit-13 ta’ Frar 1998 ghaddew xi flus nonostante dak li qal in-Nutar Critien. Fil-waqt li ghall-bidu tad-deposizzjoni qal li c-cheque wasallu granet wara l-iskrittura ta’ Frar 1998, meta ingibdiltu l-attenzjoni illi fil-fatt ic-cheque issarraf f’Lulju qal li jista’ jkun kellu impressjoni hazina u li ftit granet ghaddew qabel sarrfu.

Il-konvenut esebixxa ukoll affidavit ta’ Hallett datat 27 ta’ Jannar 2003 a fol 147. Ikkonferma li l-flus li ssellef minghand l-attur tqeghdu fil-kont tal-konvenut ghaliex kien qed jigi ippressat mill-banek minhabba d-djun li kellu.

Il-punt kardinali li jrid jigi fil-fehma tal-Qorti huwa jekk, fl-ammont ta’ tlieta u tletin elf lira Maltin (Lm33, 000) imsemmi fl-ahhar ftehim li sar bejn Hallett u l-attur u cioe’ dak tat-18 ta’ Lulju 2000 hemmx inkuza is-somma mitluba mill-attur f’din il-kawza. L-attur mhux qed jaghmel din it-talba a bazi tal-bank draft li hareg u ggira u li gie msarraf mill-konvenut, izda qed jghid biss fic-citazzjoni li l-konvenut ghandu jaghtih din is-somma li hu silfu.

Il-Qorti wara li esaminat il-process u hasbet fit-tul waslet ghall-konkluzjoni li ma hemm ebda dubbju li s-somma ta’ tlieta u tletin elf lira Maltin (Lm33,000) tinkludi s-somma

mitluba mill-attur. Hu kredibbli li l-attur silef somma inizjali lis-socjetajiet li fihom kien involut Hallett u ikkonsolida l-ammonti dovuti fl-ahhar kuntratt u cioe' tat-18 ta' Lulju 2000. Hu ukoll vero simili li l-ammont inizjali kien ta' dsatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm19,500) u ssemmiet ic-cifra ta' sitta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm26,000) biex tkopri

imghax sostanzjali. Interessanti l-fatt li l-kawza giet istitwita proprju gurnata qabel saret din l-iskrittura. L-uniku fatt li jimmilita favur l-attur hu li c-cheque hu datat kwazi erbgha xhur wara li saret l-ewwel skrittura, izda dan hu kontro battut mill-fatt illi t-tieni skrittura – li skond l-istess attur inkorporat l-ammont imsemmi fl-ewwel wahda – giet iffirmat fl-14 ta' Lulju 1998 u cioe' gimgha wara li ssarraf ic-cheque. Ma hux kredibbli l-attur meta jghid li mall-konvenut ma ghamilx skritturi ghax kellu l-prova tal-istess cheque, specjalment meta c-cheque kien gie ggirat. L-attur messu jaf l-affarijiet bizzejjed li seta' ghamel skrittura b'riferenza ghac-cheque.

Fuq bilanc tal-provi allura, il-Qorti thoss li l-iskrittura tat-18 ta' Lulju 2000 inkorporat l-ammonti kollha mislufa mill-attur lill Hallett jew is-socjetajiet tieghu u l-konvenut ma messux gie citat ghall-ammont in kwistjoni.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; l-ispejjes a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------